**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 24/2022 RM**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Andrew Agius)**

**-Vs-**

**SARAH ZAMMIT**

**Illum, 12 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **SARAH ZAMMIT** ta' 30 sena, Sarah Zammit ta' 30 sena, bint Anthony u Jacqueline nee' Grima, imwielda Pieta' nhar iz-19 ta' Jannar 1991, li toqgħod fil-Faċilita Korretiva ta' Kordin, Triq il-Belt Valletta, Raħal Ġdid u detentur tal-karta tal-identita' numru 63891(M), li tressqet quddiemha akkużata talli:-

1. Bejn is-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) u s-sebgħa ta' wara nofsinhar (19:00hrs) ta' nhar is-16 ta' Frar 2021, minn ġewwa l-istabilliment magħruf

bħala 'Gallarija Darmanin', sitwat ġewwa Triq Dun Karm, Iklin, ikkommettiet serq ta' diversi oġġetti għad dannu tas-sidien tas-soċjeta' Darmanin Footwear Ltd. u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, iżda li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

2. u aktar talli bejn il-ħdax ta' filgħodu (11:00hrs) u t-tmienja ta' wara nofsinhar (20:00hrs) ta' nhar is-07 ta' Marzu 2021, minn ġewwa l-istabilliment magħruf bħala 'Franks Perfumary', sitwat ġewwa Baystreet Complex, Triq Santu Wistin, San Ġiljan, b'xi mod li jkun, xjentement, fl-atti li bihom id-delitt ġie ippreparat jew ikkunsmat, għenet jew assistiet lill-Mahmoud Moghrabi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara għas-sidien ta' Franks Stores Limited u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema ħsara ma teċċedix ħames mitt euro (€500);

3. u aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, b'xi mod li jkun, xjentement,fl-atti li bihom id-delitt ġie ippreparat jew ikkunsmat, għenet jew assistiet lill-Mahmoud Moghrabi jiffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

4. u aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, b'xi mod li jkun, xjentement, fl-atti li bihom id-delitt ġie ippreparat jew ikkunsmat, għenet jew assistiet lill-Mahmoud Moghrabi jgħamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew

b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi għad-dannu ta' Thuheer Kursaishi u/jew ta' persuna jew persuni oħra;

5. u aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, b'xi mod li jkun, xjentement, fl-atti li bihom id-delitt ġie ippreparat jew ikkunsmat, għenet jew assistiet lill-Mahmoud Moghrabi jagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza;

6. u aktar talli bejn il-ħdax ta' filgħodu (11:00hrs) u s-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00hrs) ta' nhar it-12 ta' Marzu 2021, ġewwa l-Isptar Mater Dei, Triq Dun Karm, Msida għamlet offiża fuq il-persuna ta' PC2203 Chantelle Zahra, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qiegħdha tagħmel jew minħabba li kienet qiegħdha tagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżgħa jew li tinfluwixxi fuq PC2203 Chante Zahra kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

7. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi attakat jew għamlet reżistenza bi vjole jew b'hebb, ta' xorta li ma' titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC2203 Chantelle Zal persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet qed taġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti;

8. u aktar talli kkommettiet reat li għalih hemm piena ta' prigunerina, waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija lilha nhar it-18 ta' Novembru, 2020, mill-Qrati ta' Malta (Onor. Imħallef Dr. E. Grima LL. D).

9. u aktar talli bejn nofsinhar (12:00hrs) u s-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) ta' nhar it-13 ta' Marzu 2021, naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqha b'kundizzjoni ta' rilaxx tal-Pulizija datat 12 ta' Marzu 2021 li permezz

tagħhom ingħatat il-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li tirraporta fl-uffiċju tal-Ispettur Andrew Agius nhar is-Sibt 13 ta' Marzu 2021 fis-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00hrs) ġewwa l-għassa ta' Birkirkara;

10. u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, talli fl-istess data, hin u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, irrendiet ruħa reċediva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta b'sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdula.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali[1] ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semgħet lill-imputata waqt l-eżami twieġeb li mhux ħatja tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota ta' Christian Darmanin ippreżentata fl-24 ta' Marzu 2022 għall-finijiet tal-Artiklu 410(3) tal-Kap. 9 li permezz tagħha kkostitwixxa ruħu bħala parti offiża f'dawn il-proċeduri;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputata fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2022;

Rat id-digriet mogħti llum stess 10 ta' Ottubru 2022 fejn ġiet miċħuda t-talba tal-imputata magħmula għall-fini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija).

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

[1] Fol. 33 – Dok. AA3.

Ikkunsidrat;

L-imputata qiegħda tiġi mixlija bir-reat ta' serq aggravat, kif ukoll b'diversi reati konnessi mal-falsfikazzjoni ta' dokumenti kif ukoll bir-reati taħt l-Artikoli 95, 96 u 355AL tal-Kodiċi Kriminali, reati li lkoll ġew kommessi bejn Frar u Marzu 2021. L-imputata qiegħda tiġi mixlija wkoll li kkommettiet dawn ir-reati waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża u li hija reċidiva.

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Din taddebita lill-imputat r-reat ta' serq aggravat bil-valur mill-istabbiliment Gallarija Darmanin ġewwa l-Iklin fis-16 ta' Frar 2021.

**L-Ispettur Andrew Agius** fix-xhieda tiegħu[2], ikkonferma li huwa ġie mgħarraf bir-rapport li kien sar fis-16 ta' Marzu 2021 minn Christian Carm Darmanin, il-manager tal-istabbiliment Gallarija Darmanin ġewwa l-Iklin, dwar serq ta' ħwejjeġ mill-istess stabbiliment minn żewġ persuni. Skont ir-rapport, dawn iż-żewġ persuni ġew innotati rikbu ġo taxi tal-E Cabs bin-numru ta' reġistrazzjoni KLY-201.

**PS 918 Clayton Azzopardi** ikkonferma fix-xhieda tiegħu[3] li kien irċieva huwa stess dan ir-rapport mingħand Christian Carm Darmanin[4] u kkonferma wkoll li minn stħarriġ li huwa għamel, sar jaf li l-*booking* tal-karozza kien ġie reġistrat f'isem Sarah Zammit bil-karta tal-identita' numru 63891M u mill-informazzjoni mogħtija lilu mix-xufier tal-vettura, Dragan Petrovic, sar jaf li huwa kien ġabar żewġ persuni, raġel u mara, minn indirizz ġewwa Triq il-Gżira, Gżira, ħadhom diversi postijiet indikati minnhom, fosthom Birkikara u l-istabbiliment Gallarija Darmanin. Qal ukoll li x-xufier rahom jiġru lejn il-vettura kif ħarġu mill-istabbiliment u reġa' wassal lill-mara fl-istess indirizz tal-Gżira minn fejn kien ġabarhom oriġinarjament fejn hemmhekk,

---

[2] Xhieda tas-27 ta' Jannar 2022.
[3] Xhieda tal-14 ta' Frar 2022.
[4] Dok. KA1, current incident report.

inqala' diżgwid dwar flus għaliex dawn il-persuni ma kellhomx biżżejjed flus biex iħallsu tar-rotta u offrew li jħallsu lix-xufier b'xi ħwejjeġ ġodda minflok flus. Dak il-ħin, il-passiġġier raġel talab lix-xufier iwasslu l-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema fejn wara ftit minuti ħareġ u wasslu lura fl-istess indirizz tal-Gżira.

PS 918 kompla jistqarr li minn iktar stħarriġ li huwa għamel, irriżulta li ftit tal-ħin qabel, Mohammed Moghrabi detentur tal-karta tal-identita' numru 337609L u 28120A, kien mar l-Għassa ta' Tas-Sliema u ġabar referta tiegħu u ta' ċertu Sarah Zammit, fejn hemmhekk il-Pulizija marru fl-indirizz tal-Gżira biex ifittxu dawn iż-żewġ persuni iżda ma nstabux u wara li ġie maħruġ mandat ta' arrest fil-konfront tagħhom, huma nstabu ftit tal-ġranet wara l-Gżira stess, fil-11 ta' Marzu 2021, fejn ġew arrestati. Hemmhekk kien hemm ċertu Michela Bonello li kienet qed issuq vann tal-kiri bin-numru ta' reġistrazzjoni JLY-107 f'isem Peppin Garage li meta ġiet mitkellma, stqarret li kienet ilha twassal l-imsemmija żewġ persuni f'postijiet differenti mit-3 ta' Marzu 2021.

Ix-xhud ikkonferma wkoll illi minn tfittxija li saret fil-vann tal-kiri mijsuqa minn Michela Bonello, instabu numru ta' fwejjaħ u basktijiet kif ukoll *cheque*s, ikoll suspettati misruqin, liema oġġetti ġew elevati[5]. Fost dawn l-oġġetti, ix-xhud ikkonferma li huwa sab il-karta tal-identita' ta' Sarah Zammit ġewwa wieħed mill-basktijiet[6].

Min-naħa tiegħu, l-Ispettur Andrew Agius[7] ikkonferma wkoll li ġie elevat il-flokk tal-kulur mustard li kienet liebsa Sarah Zammit meta ġiet arrestata u ttieħdet l-Isptar fil-11 ta' Marzu 2021, liema flokk[8] ix-xhud ikkonferma li jidher jixbaħ ħafna l-flokk li kienet liebsa fis-16 ta' Frar 2021.

---

[5] PS 918 Clayton Azzopardi xehed li huwa għamel lista tal-oġġetti kollha li ġew elevati minn ġol-vann tal-kiri u ħa wkoll il-verżjoni ta' Michela Bonello, ix-xufiera tal-vann tal-kiri, kif imniżżla fir-rapport tal-okkkorrenza Dok. KA1. Ara wkoll xhieda ta' PC100 Glenn Agius, 3 ta' Marzu 2022.

[6] Michela Bonello stess xehdet (11 ta' April 2022) illi persuna li għarfet bħala l-imputata Sarah Zammit kienet fil-vettura tagħha dakinhar li ġew il-Pulizija u arrestawha.

[7] Xhieda tas-27 ta' Jannar 2022.

[88] Esebit Dok. AA7, fol. 44.

**Christian Carl Darmanin**, id-direttur tal-kumpannija Darmanin Footwear Limited, xehed[9] illi huwa ra l-filmat meħud ġewwa l-istabbiliment tal-kumpannija fl-Iklin, fejn jidhru żewġ persuni, mara liebsa ġakketta safra u jeans u raġel, jidħlu fid-*dressing room* qed idaħħlu ħwejjeġ u żraben, ineħħulhom it-*tags* u s-*security tags* u jitfgħuhom ġo basktijiet u mbagħad ħarġu mill-ħanut fejn daqq l-alarm. Minn hemmhekk, il-persuni jidhru qegħdin jirkbu f'taxi - fejn jidher ukoll b'mod ċar in-numru tat-targa tal-vettura - u telqu minn fuq il-post.

Xehed illi l-oġġetti li ġew neqsin, ċioe' ħames *items* ta' ħwejjeġ u par żarbun tad-ditta Diadora, ġew identifikati minn fuq il-filmat u ġew imqabblin mal-oġġetti li minn eżerċizzju ta' *stock-take* li sar sussegwentement, kif ukoll mat-*tags* li nqalgħu minn fuq il-ħwejjeġ misruqin u li nstabu ġo ħwejjeġ oħrajn li baqgħu fil-ħanut. Il-*cost price* tal-ħwejjeġ misruqin kien ta' €267.27[10] għalkemm ix-xhud qal li l-prezz tal-bejgħ huwa ta' iktar minn €500 u kkonferma wkoll li huwa kien għaraf xi ħwejjeġ li kienu ġew elevati mill-Pulizija bħala ħwejjeġ li nsterqu mill-istabbiliment Teamsport.

**Dragan Petrovic** xehed[11] li huwa xufier ma' E-Cabs u qal li huwa kien ġabar raġel u mara u wassalhom Birkikrara, Tal Lira u sussegwentement, f'ħanut viċin ir-roundabout bejn Birkirkara, Iklin u Mosta. Wara wassal lir-raġel, li kien qallu li huwa Għarbi, fl-Għassa tal-Pulizija Sliema. Xehed ukoll li dawn il-passiġġieri ma kellhomx flus biex iħallsu u r-raġel offrielu xi ħwejjeġ minn dawk li kien hemm fil-karozza. Iddeskriva lill-mara bħala persuna b'xagħarha twil u b'snienha "*kaputt*".

**Michela Bonello** xehdet[12] li hija kienet taħdem bħala xufier tat-taxxi ma' Peppin Garage u fis-sena 2021 kienu jiġu ta' spiss tnejn min-nies, raġel u mara, raġel barrani u mara Maltija xagħarha skur u lixx, liema persuna x-xhud għarfitha bħala l-imputata Sarah Zammit. Qalet li kienet twassal lil dawn iż-żewġ persuni fuq perijodu ta' xahar xi kultant anke kuljum u kienu jibbukkjaw tramite l-application "Taxi Go" u kienet

[9] Xhieda tat-3 ta' Marzu 2022.
[10] Dok. CD1, fol. 100.
[11] Xhieda tas-27 ta' April 2022.
[12] Xhieda tal-11 ta' April 2022.

dejjem teħodhom l-istess postijiet San Ġwann, Ta' Xbiex, spiżeriji, fosthom Remedies u Browns il-Ħamrun, fejn ġew b'ħafna basktijiet. Darba minnhom qalulha li kienu qegħdin jiċċaqlaqu għal residenza oħra u kienu ġarrew xi ħwejjeġ, fejn hi waslitilhom il-Gżira fejn imbagħad ġew il-Pulizija.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat il-filmati tas-16 ta' Frar 2021 esebiti fl-atti, liema filmati ġew elevati minn CCTV cameras fl-istabbiliment Teamsport. Dawn il-filmati ġew mgħoddija minn Christian Carm Darmanin lill-Ispettur Andrew Agius u f'dawn il-filmati, senjatament l-filmati "06" u "09", hija identifikabbli mara li tixbaħ ħafna lill-imputata Sarah Zammit, qiegħda ddur fl-istabbiliment flimkien ma' raġel, it-tnejn iġorru basktijiet, fejn għażlu diversi ħwejjeġ u ħaduhom flimkien ġewwa *changing room* u hemmhekk qattgħu diversi minuti[13]. Il-Qorti rat lill-imputata diversi drabi quddiemha matul l-għaxar xhur ċirka li damu għaddejjin dawn il-proċeduri u setgħet mingħajr wisq diffikolta' ixxebbaħha mal-mara li tidher f'dawn il-filmati, għaddejja b'mod evidentement mgħaġġel tagħżel il-ħwejjeġ, iddaħħalhom magħha f'*changing room*, toħroġ minn hemmhekk biss b'*item* wieħed f'idejha li reġgħet poġġietu lura f'postu u titlaq 'l hemm b'pass mgħaġġel. Barra minn hekk, il-Qorti kkostatat li l-flokk li ġiet elevata mill-pussess ta' l-imputata meta ġiet arrestata fil-11 ta' Marzu 2021 u li ġie esebit fl-atti proċesswali (Dok. AA7), huwa simili ħafna tal-flokk li kienet liebsa l-imputata fil-filmati tal-istabbiliment Gallarija Darmanin.

Għalkemm dawn l-osservazzjonijiet waħedhom ċertament m'humiex biżżejjed biex isawru sejbien ta' ħtija għar-reat in diżamina, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi Christian Carm Darmanin ikkonferma li huwa ra n-numru tar-reġistrazzjoni tat-taxi li rikbu fih iż-żewġ persuni li telqu jiġru mill-istabbiliment wara li daqqu l-alarms, filwaqt PS 918 Clayton Azzopardi xehed illi mill-investigazzjonijiet li huwa għamel abbażi ta' din l-informazzjoni, jirriżulta li l-vettura dakinhar kienet ġiet ibbukkjata minn Sarah Zammit detentriċi tal-karta tal-identita' bl-istess numru, 63891M, tal-karta

[13] Ħarġu mic-changing room fil-15:35hrs.

tal-identita' tal-imputata odjerna. Għalkemm huwa minnu kif sewwa ġie sottomess mid-difiża, illi x-xufier ta' dan it-taxi, Dragan Petrovic, ma setax jidentifika l-mara li rikbet fil-vettura, jibqa' l-fatt li fix-xhieda tiegħu huwa kkonferma li kien waqqaf żewġ persuni, mara u raġel, f'diversi postijiet inkluż quddiem stabbiliment viċin ir-roundabout bejn il-Mosta, l-Iklin u Birkirkara, fejn baqa' jistennihom u wara ftit tal-ħin ġew jiġru biex jirkbu fil-vettura. Xehed ukoll li huwa waqqaf lir-raġel ukoll fl-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, informazzjoni li abbażi tagħha PS 918 Clayton Azzopardi ikkonferma li kien irrapporta dakinhar stess fl-istess Għassa tal-Pulizija, ftit tal-ħin qabel, ċertu Muhammed Moghrabi li kien ġabar ukoll referta ta' Sarah Zammit. Ix-xufier Dragan Petrovic xehed ukoll illi fl-istess ġurnata huwa kien wassal dawn iż-żewġ persuni ġewwa indirizz il-Gżira li huwa l-istess indirizz li huwa pprovda lill-Pulizija u fejn sussegwentement, fil-11 ta' Marzu 2021 il-Pulizija arrestat lil Sarah Zammit, l-imputata, u fejn instabet fil-pussess ta' kwantita' ta' basktijiet kontenenti ħwejjeġ ġodda. Huwa relevanti wkoll illi Michela Bonello identifikat lill-imputata bħala l-persuna li fil-11 ta' Marzu 2021 ġiet arrestata quddiem l-imsemmi indirizz fil-Gżira u li kienet passiġġier fit-taxi misjuqa minnha.

Għalkemm baqgħet qatt ma tressqet prova li fost l-oġġetti elevati mill-pussess tal-imputata, kien hemm il-ħwejjeġ u żraben li nsterqu mill-istabbiliment Gallarija Darmanin, il-Qorti tqis li huwa relevanti l-fatt fix-xhieda tiegħu Dragan Petrovich ikkonferma illi peress li ma kellhiex biżżejjed flus biex tħallsu dakinhar, il-passiġġier tiegħu, identifikata kif ingħad bħala l-imputata Sarah Zammit, offriet li tħallsu bi ħwejjeġ minn dawk li kellhom fil-basktijiet.

Il-Qorti hija tal-fehma illi dawn il-provi indizzjarji flimkien u fl-assjem tagħhom huma univoċi in kwantu jikkostitwixxi katina ta' evidenza konklussiva dwar l-involviment tal-imputata odjerna fil-fatti konċernanti s-serq minn Gallarija Darmanin ġewwa l-Iklin u kollox magħdud, huma biżżejjed biex jikkonvinċi lill-Qorti lil hinn minn kull dubju raġjonevoli illi kienet l-imputata waħda mill-persuni li serqu l-ħwejjeġ mill-istabbiliment in kwistjoni fis-16 ta' Frar 2021.

Madankollu, dan stabbilit, hu ovvju li l-imputata ma kienetx l-unika awtur tar-reat għaliex huwa evidenti mill-provi li din is-serqa twettqet mill-imputata u minn persuna maskili u illi dawn aġixxew flimkien.

Stabbilita l-ħtija tal-imputata għas-serq ta' diversi oġġetti minn ġol-istabbiliment ta' Darmanin Footwear Limited fis-16 ta' Frar 2021, il-Qorti trid tistabbilixxi jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova li l-valur tal-oġġetti misruqa jeċċedi s-somma ta' €232.94 kif stipolat fl-Artikolu 267 tal-Kap. 9. Fir-rigward, Christian Carm Darmanin esebixxa rendikont li jelenka fih l-oġġetti li ġew identifikati bħala misruqa mill-imputata u l-persuna li kienet magħha, l-i*stock code* relattiv u l-prezz (*cost price*) ta' kull oġġett, b'valur totali ta' €236.27. Huwa minnu li x-xhud iddikjara li l-prezz tal-bejgħ huwa ferm ogħla mill-*cost price* tal-oġġetti kif indikat fuq ir-rendikont, iżda l-Qorti tosserva illi l-prezz tal-bejgħ ta' dawn l-oġġetti mhuwiex indikat fuq ir-rendikont u ma ġie prodott l-ebda dokument ieħor li juri l-prezz tal-bejgħ tal-oġġetti misruqa. Il-Qorti ma taqbilx li x-xhieda ta' Christian Carm Darmanin fir-rigward tal-ogħla prezz tikkostituwixxi l-aħjar prova tal-valur fuq is-suq tal-ħwejjeġ misruqa mill-imputata u ma jirriżultax li l-Prosekuzzjoni kienet impedita milli tressaq din il-prova. Madanakollu, stabbilit illi l-valur ippruvat tal-ħwejjeġ misruqa mill-imputata jew mill-kompliċi tagħha (€236.27) jeċċedi s-somma ta' €232.94, il-Qorti tqis illi l-kwalifika tal-valur għall-fini tal-Artikoli 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, hija sodisfaċjentement ippruvata.

**<u>It-Tieni, it-Tielet, ir-Raba' u l-Ħames Imputazzjonijiet</u>**

Il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputata wkoll bħala kompliċi fil-kommissjoni tar-reati ta' frodi b'egħmil qarrieqi, falsifikazzjoni ta' dokumenti privati u pubbliċi, u użu ta' dokumenti falsifikati.

**Samantha Hollyoak** xehdet[14] li hija taħdem *part-time* fl-istabbiliment "Franks" u meta kienet xogħol il-Ħadd 7 ta' Marzu 2021, daħlu raġel u mara jixtru prodotti konsistenti fi fliexken tal-fwejjaħ. Innotat li l-mara, li kienet liebsa maskra u kellha xagħarha twil, lixx u skur, kienet nervuża. Huma xtraw tliet fliexken tal-fwieħa u ħallsu b'*cheque* ta' kumpannija tal-kostruzzjoni, Kuraishi. Ix-xhud ivverifikat li effettivament il-kumpannija kienet reġistrata u kienet topera fil-qasam tal-kostruzzjoni u aċċettat li l-ħlas li jsir b'dan ic-*cheque*, iżda meta l-koppja reġgħu ġew jixtru iktar tard fil-għaxija u bdew jagħżlu fwejjaħ li jiswew ħafna flus, hija ma aċċettatx li jerġgħu jħallsu b'*cheque* għaliex bdiet tissuspetta ħażin.

Il-Qorti ma tirravviża fix-xhieda ta' Samantha Hollyoak l-ebda rabta kwalsiasi mal-imputata li għandha quddiemha. Din ix-xhud ma identifikatx lill-imputata bħala l-mara li ddeskriviet li daħlet tixtri l-fwieħa mill-istabbiliment "Franks", wisq inqas bħala l-persuna li użat *cheque* f'isem il-kumpannija Kuraishi biex tixtri l-prodotti mill-istabbiliment. Għalkemm huwa minnu li Kuraishi Thuheer xehed[15] illi xi ħadd seraqlu *cheque book*, fost ħwejjeġ oħrajn mill-vettura tiegħu, liema *cheque book* kien f'isem il-kumpannija tiegħu Kuraishi Limited u kkonferma wkoll li huwa kien ta struzzjonijiet lill-Bank biex iwaqqaf dawn ic-*cheque*s, il-Qorti m'għandha quddiemha l-ebda prova li c-*cheque* li ntuża mill-persuna li kienet flimkien mal-imputata biex iħallas għax-xiri tal-prodotti mingħand l-istabbiliment Franks, huwa effettivament wieħed mic-*cheque*s li nsterqu mingħand Thuheer Kuraishi għaliex dan ic-*cheque* baqa' qatt ma ġie esebit fl-atti. Konsegwentement hija nieqsa wkoll il-prova tad-dokument allegatament iffalsifikat u kwindi wkoll il-prova tal-falsifikazzjoni ta' dan id-dokument. Tassew, ħadd ma xehed illi dan ic-*cheque* ma kienx diġa' ffirmat mill-proprjetarju tal-kont bankarju relattiv u f'kull każ, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq il-prova li kien effettivament Mohammed Moghrabi li ffirma jew iffalsifika dan ic-*cheque* jew li kien l-awtur tal-qerq u l-falsifikar addebitat fit-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni.

[14] Xhieda tal-11 ta' April 2022.
[15] Xhieda tas-27 ta' April 2022.

Fl-istqarrija li rilaxxat fit-13 ta' Jannar 2022, l-imputata ċaħdet espressament li hija qatt iffirmat xi *cheques* u anke kieku l-Qorti kellha għal mument, tieħu qies ta' dak li ġie rapportat lill-Pulizija minn Vanessa Camilleri[16] skont kif imniżżel fir-rapport esebit minn PS750 Terry James Mallia, ħadd ma xehed quddiem il-Qorti illi l-persuna li ħallas b'dan ic-*cheque* fl-istabbiliment "Franks" kien proprju Mohammed Moghrabi u li huwa kien akkumpanjat mill-imputata odjerna Sarah Zammit. Il-Qorti m'għandha quddiemha lanqas il-prova, wisq anqas l-aħjar prova, li l-c-*cheque* li ġie ppreżentat lil Samantha Hollyoak baqa' ma ġiex imsarraf meta ġie ppreżentat lill-Bank għall-ħlas. Fuq kollox, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma ressqitx il-prova tal-valur tal-oġġetti mixtrija minn Frank Perfumery u ma wrietx lanqas li c-*cheque* li Mohammed Moghrabi allegatament ħallas bih lil Frank Perfumery, ċioe' *cheque* bin-numru 64, huwa l-istess *cheque* li allegatament baqa' ma ġiex imsarraf mill-Bank.

Huwa minnu li ġie ppruvat sodisfaċjentement illi l-imputata meta ġiet arrestata fil-11 ta' Marzu 2021, kienet fil-kumpannija ta' Mohammed Moghrabi, persuna li kien ukoll fil-kumpannija tagħha fit-taxi misjuqa minn Dragan Petrovich fis-16 ta' Frar 2021, ċioe' dakinhar li kkommettiet is-serq mill-istabbiliment Gallarija Darmanin. Huwa minnu wkoll li Michela Bonello, ix-xufier tal-vann tal-kiri, xehdet li l-imputata kienet offritilha flixkun tal-fwieħa u meta ġiet arrestata, instabu f'dan l-istess vann li kienet riekba fih l-imputata, numru ta' oġġetti fosthom fliexken tal-fwejjaħ[17]. Iżda l-Qorti tqis illi b'hekk m'huwiex konklussivament ippruvat li dawn il-fliexken kienu l-istess fliexken tal-fwieħa li nxtraw minn "Franks" fis-7 ta' Marzu 2021 bl-użu tac-cheque allegatament misruq, wisq anqas li huwa b'hekk ippruvat li hija kienet fil-kumpannija tal-imsemmi Muhammed Moghrabi dakinhar meta nxtraw il-prodotti mill-istabbiliment "Franks" u l-Qorti żgur mhijiex sejra tasal għal konklużjonijiet ibbażati fuq spekolazzjoni minflok provi.

[16] Vanessa Camilleri ma xehdtix quddiem il-Qorti minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 591 tal-Kap. 12, reżi applikabbli għall-proċeduri kriminali b'effett tal-Artiklu 520(1)(d) tal-Kap. 9: ara verbal tas-seduta tal-11 ta' April 2022 u l-Prosekuzzjoni ma reġgħetx ipproduċiet lil Samantha Hollyoak biex tixhed dwar il-partikolaritajiet tac-cheque, il-valur tal-oġġetti mixtrija u l-identita' tal-persuna li ppreżentat dan ic-cheque għall-ħlas.
[17] Ara xhieda tal-Ispettur Andrew Agius u Dok. AA11, xhieda tas-27 ta' April 2022.

Għaldaqstant, l-imputata ma tistax tinstab ħatja li aġixxiet bħala kompliċi fit-twettiq tar-reati taħt l-Artikoli 308, 167, 183 u 187, addebitati fl-erba' imputazzjonijiet in diżamina.

**<u>Is-Sitt u s-Seba' Imputazzjonijiet</u>**

L-imputat ġiet mixlija bir-reati taħt l-Artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9 ċioe' li inġurjat, heddet jew ikkaġunat offiża fuq il-persuna ta' PC 2203 Chantelle Zahra u li attakkat jew irreżistiet bi vjolenza l-istess uffiċjal tal-Pulizija fil-waqt li kienet qed teżegwixxi l-liġi jew ordni mogħti skont il-liġi.

PC 2203 Chantelle Zahra xehdet illi fit-12 ta' Marzu 2021 hija kienet qiegħda għassa *fixed point* ma' Sarah Zammit ġewwa l-Isptar, fejn kienet taħt arrest. Għall-ħabta ta' nofsinhar Sarah Zammit talbitha biex tħalliha toħroġ barra tpejjep sigarett fejn hija għarrfitha li kellha ordnijiet mis-superjuri tagħha u mill-Isptar biex ma tħallihiex toħroġ minn ġol-kamra tal-Isptar. Xehdet illi dak il-ħin, l-imputata saret aggressiva u minkejja li qaltilha biex tikkalma, l-imputata marret biex toħroġ mill-bieb tal-Isptar fejn ix-xhud żammet il-bieb. Hawnhekk l-imputata ggranfat ma' wiċċha u qalgħetilha wkoll numru minn fuq ispalla tal-uniformi.

Waqt l-interrogazzjoni, l-imputata stqarret li hija riedet toħroġ tpejjep u riedet toħroġ mal-kunstistabbli li, skont l-istess imputata, ukoll kienet qed toħroġ biex tpejjep. Meta l-Pulizija irrifjutat li tħalliha toħroġ, hi qamet bil-wieqfa u baqgħet tinsisti li riedet tpejjep, fejn il-kunstistabbli riedet bil-fors timmanettjaha mas-sodda. L-imputata stqarret li hi ma ħallithiex tagħmel hekk u għalhekk imbottatha. Hemmhekk, il-kuntistabbli bagħtet għal uffiċjal ieħor tal-Pulizija li qalilha biex tikkalma kif ukoll uffiċjal ieħor li baqgħet magħha sakemm il-kuntistabbli marret tagħmel ċertifikat mediku.

Illi l-imputata qed tiġi mixlija fl-ewwel imputazzjoni bir-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali. Dan jipprovdi li huwa ħati ta' reat kull min-

*"... jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz ..."*

Dwar l-Artikolu 95 tal-Kap. 9, il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu[18] jispjega illi r-reat jiġi kommess anke jekk l-uffiċjal inkarigat bis-servizz pubbliku ma jkunx qiegħed, fil-ħin li jiġi kommess l-oltraġġ, liebes l-unformi tas-servizz jew l-uffiċju, purche' l-awtur tar-reat ikun konsapevoli ta' din il-kariga. Huwa wkoll element kostituttiv tar-reat li l-oltraġġ jiġi kommess waqt li l-uffiċjal ikun qed iwettaq dak is-servizz jew minħabba dak is-servizz.

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-elementi kollha ta' dan ir-reat huma sodisfatti: il-provi juru illi l-imputata, fid-data u l-ħin addebitati fl-imputazzjoni u meta kienet taħt arrest, aggrediet lil PC 2203 Chantelle Zahra waqt li kienet qiegħda għassa magħha ġewwa l-Isptar. Għalkemm it-tabib li eżamina lill-vittma ma kkostata l-ebda sinjal estern ta' xi offiża fuq il-persuna tagħha, il-vittma kkonfermat fix-xhieda tagħha illi l-imputata qabbditha minn wiċċha u granfat ma' wiċċha filwaqt li l-imputata nnifisha stqarret li hija qamet bil-wieqfa u imbottat lill-kuntistabbli u din tal-aħħar kellha tibgħat għall-assistenza ta' uffiċjal tal-Pulizija ieħor li qalilha biex tpoġġi bil-qiegħda. Magħdud dan ix-xhieda ta' Dr. Daniel John Mizzi[19] li kkonferma illi minkejja li ma kienx jidher li kien hemm ġrieħi esterni, għaliex mhux kull azzjoni tħalli marka li tidher, huwa ċċertifika l-offiża bħala waħda ta' natura ħafifa[20].

Din iċ-ċertifikazzjoni ma ġietx kontradetta mid-difiża u l-Qorti fil-qies tal-aġir aggressiv tal-imputata, taqbel illi ġie ppruvat sodisfaċjentement illi l-imputata bl-azzjonijiet tagħha, għamlet offiża ħafifa fuq il-persuna ta' PC 2203 Chantelle Zahra u konsegwentement għandha tinstab ħatja tar-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kap. 9.

---

[18] Notes on Criminal Law, Vol. 2, p. 55 *et sequitur*.

[19] Xhieda tal-18 ta' Mejju 2022.

[20] Ara ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. Daniel John Mizzi fit-12 ta' Marzu 2021, fol. 45, Dok. AA8.

Madankollu, dan stabbilit, mhemmx dubju li f'dan il-każ, l-offiża ħafifa mwettqa fuq il-persuna ta' PC 2203 Chantelle Zahra, ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiża kemm moralment, kienet waħda ta' importanza żgħira għall-finijiet tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 221 tal-Kap. 9. Kemm hu hekk, ma nġiebet l-ebda prova li in segwitu għall-attakk u ċ-ċertifikazzjoni tal-offiża, feġġew xi kumplikazzjonjiet jew marki fuq il-persuna tal-imsemmija uffiċjal tal-Pulizija. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tapplika, għall-fini tal-piena għar-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kap. 9, il-piena tal-offiża taħt l-Artikolu 221(3) tal-Kap. 9 ċioe' il-piena ta' kontravvenzjonijiet, miżjuda skont kif stipolat fl-istess Artikolu 95.

Ikkunsidrat;

Stabbilita l-ħtija tal-imputat għar-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kap. 9, il-Qorti trid tgħaddi biex tistħarreġ il-provi mill-ottika tal-Artikolu 96 tal-Kap. 9 biex tistabbilixxi jekk l-imputata tistax tinstab ħatja li attakkat jew għamlet "*reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti.*"[21]

Skond il-Professur Sir Anthony Mamo, jeħtieġu jikkonkorru tliet elementi biex tinstab ħtija għal dan ir-reat: l-ewwel element jikkonsisti f'attakk jew reżistenza[22]. Jispjega hekk in propositu tal-ewwel element:-

"*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of the lawful orders of the competent authorities that the crime of attack or resistance .... can arise.*

...

[21] Artikolu 96 tal-Kap. 9.

[22] Notes on Criminal Law, Vol. 2, paġna 54.

*Such attack or resistance must be made with* *<u>violence</u>* *or* *<u>active force</u>*. *... In other words, the law requires the use of* *<u>private force</u>*, *which is alone calculated to offer a serious obstacle to the action of the officers concerned with executing the law or the orders thereunder and to impede such action."*[23]

It-tieni element jirreferi għall-kundizzjoni jew kapaċita' tal-persuna li fil-konfront tagħha l-attakk jew ir-reżistenza tinsab indirizzata: il-liġi titkellem dwar persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku.

Finalment, jeħtieġ li l-attakk jew ir-reżistenza sseħħ matul l-att ta' eżekuzzjoni minn din il-persuna tal-liġi jew ordni leġittima mogħtija minn awtorita' kompetenti. In propositu ta' dan it-tielet element, il-Professur Mamo jgħid hekk:-

*"The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or of the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those who are charged therewith."*[24]

Fir-rigward ta' dan l-element, jissokta jispjega wkoll:-

"*The question arises whether resistance would be punishable if the officer was at the time abusing his powers or exceeding his jurisdiction, or otherwise acting unlawfully or arbitrarily. .... In our law the solution of this question is clear. So that the crime under section 96 may arise it is essential that the officer to whom resistance is offered should be acting* ***in the execution of the law*** *or of* ***a lawful order of the competent authority****. "Donde segue che se questa esecuzione lungi dall'essere voluta della*

---

[23] *Ibid.*

[24] Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** (deċiża 9.9.2002), il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:- *"Dana l-artikolu jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar fil-waqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz". ..... Mhux kull min qed iwettaq servizz pubbliku qed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-liġi. "*

*legge, vi si trovi in opposizione, viene a mancare quel dato essenziale che si richiede per la criminosita della incontrata resistenza". This is clearly the best and most equitable solution. The law gives its special protection to* ***the officer*** *not to* ***the man****, and therefore just as resistance to the representative of public authority while discharging his lawful duty is, and should be, severely repressed, so conversely, the subject has, and should have, the right to resist any arbitrary or illegal act. It would be inequitable to require a passive obedience and submission in all circumstances from a subject who cannot be denied the right of expecting faithful observance of the law from the officers whose duty it is to cause it to be observed by others."*[25]

Dan l-insenjament ġie konsistentement segwit u applikat mill-qrati tagħha: f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta' Frar 1958, ġie ritenut:

"*Il-Pulizija, f'l-ezercizju tad-doveri taghha, ghandha d-dritt li tuza dak l-quantum ta' forza li jkun necessarju; u kull membru tal-Pulizija ghandu dritt jiddefendi lilu nnifsu jekk jigi aggredit waqt li jkun qieghed jaghmel dmiru. Imma dan id-dritt tal-Pulizija lanqas ma ghandu jigi abbuzat; u ghalhekk, stante li l-element intenzjonali fid-delitt ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija hu li l-imputat ikun agixxa biex jimpedixxi att ta' gustizzja, l-imputat ma ghandux jigi ritenut hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija meta da parti tal-Pulizija kien hemm abbuz minn dan id-dritt taghhom; ghax ma jistghax ikun hemm din l-intenzjoni meta hemm eccess da parti ta' pulizija jew ufficjal pubbliku.*"[26]

F'sentenza mogħtija fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk[27]:-

"*... Meta ufficjal tal-pulizja jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd,* ***jew ikun ga arresta u qed***

[25] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 49/50.
[26] **Il-Pulizija vs Anthony Camilleri**.
[27] **Il-Pulzija vs Lawrence Attard**.

***izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jezegwixxi l-ligi****. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi "ghall-ezekuzzjoni tal-ligi" fis-sens tal-Artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens tal-Artikolu 95.*"

Huwa għalhekk assodat fil-ġurisprudenza in tema li għal sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikoku 96 tal-Kap, 9, huwa essenzjali li jintwera li l-uffiċjal li jkun ġie attakkat jew reżistit, kien qed jeżegwixxi l-liġi.

Illi kif diġa' ġie stabbilit f'dan il-każ, l-imputata imbottat lil PC 2203 Chantelle Zahra: skont l-imputata għaliex il-kuntistabbli riedet timmanettjaha u skont l-istess uffiċjal tal-Pulizija, dan seħħ meta hija rrifjutat li tħalliha toħroġ barra mill-kamra biex tpejjep. Wieħed ifakkar li dak il-ħin l-imputata kienet diġa' arrestata ġewwa l-Isptar u għalhekk, meta PC 2203 żammet lill-imputata milli tipprova toħroġ 'il barra mill-kamra biex tpejjep billi żammet il-bieb tal-kamra, kienet qiegħda twettaq ordnijiet leġittimi lilha mogħtija mis-superjuri tagħha biex ma tħallihiex toħroġ. Huwa minnu li l-imputata ddikjarat li hija imbottat lill-uffiċjal tal-Pulizija għaliex kienet sejra timmanettjaha. Iżda l-Qorti tqis illi huwa evidenti illi l-imputata dak il-ħin kienet mhux biss qiegħda tisfida u ma tobdix ordni leġittima mogħtija lilha minn uffiċjal tal-Pulizija billi tinsisti li toħroġ 'il barra meta hija kienet arrestata, talli saret aggressiva u ħebbet għall-istess uffiċjal tal-Pulizija billi *ex admissis,* imbottaha. Il-Qorti tosserva illi għalkemm fix-xhieda tagħha PC 2203 Chantelle Zahra imkien ma qalet li kienet qiegħda tipprova timmanettja lill-imputata u din ix-xhieda baqgħet mhux kuntrastata jew kontradetta, anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li x-xhud kienet qed tipprova timmanettja lill-imputata, ma ġie muri bl-ebda mod li din ma kienetx qiegħda, b'dik l-azzjoni, teżegwixxi ordnijiet leġittimi jew il-liġi jew li kienet qed tabbuża mis-setgħat tagħha jew taġixxi b'eċċess ta' dawk is-setgħat jew ordnijiet.

Il-Qorti wara li fliet il-provi relevanti, fehmet illi l-imputata saret aggressiva u rreżistiet b'forza attiva, l-ordni biex ma toħroġx mill-kamra meta kienet taħt arrest, u mhux xi tentattiv li tiġi manettjata, u dan billi imbottat lill-uffiċjal tal-Pulizija, qabbditilha wiċċha u qaċċtitilha wkoll wieħed min-numru tal-ispalla tal-uniformi tagħha.  F'dan l-aġir huma riskontrabbli l-elementi kollha tar-reat taħt l-Artikolu 96 tal-Kap. 9 anke għaliex dan l-attakk kien evidentement maħsub biex tisfida bl-użu ta' forza attiva, il-konsegwenzi tal-arrest tagħha kif ukoll l-ordnijiet leġittimament mogħtija lilha minn PC 2203, sewwasew fil-waqt li qed jingħataw dawk l-istess ordnijiet.

**<u>It-Tmien Imputazzjoni</u>**

L-imputat hija mixlija li kkommettiet ir-reati li qiegħda tinstab ħatja tagħhom, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tagħha fit-18 ta' Novembru 2020, bi ksur tal-Artikolu 28B tal-Kap. 9.

Madanakollu, għalkemm din il-kundanna tirriżulta minn eżami tal-fedina penali tal-imputata, fil-fehma tal-Qorti dan id-dokument ma jikkostitwixxix l-aħjar prova tal-ksur allegat.  Il-Qorti tqis illi peress li l-konsegwenza ta' dan l-allegat ksur tista' tkun ukoll l-attivazzjoni effettiva tas-sentenza sospiża ta' priġunerija u t-tneħħija tal-liberta' personali tal-imputata, il-Prosekuzzjoni kienet fid-dmir li tressaq prova kif jixraq ta' din il-kundanna, konsistenti f'kopja debitament awtentikata tas-sentenza relattiva.  Iżda dan m'għamlitux, minkejja li ma jidhrix li kienet impedita milli tressaq din il-prova.

Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tikkonkludi serenament illi l-imputata wettqet dawn ir-reati bi ksur tal-Artikolu 28B tal-Kap. 9 ċioe' matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija taħt l-Artikolu 28A tal-istess Kap. 9.

Ikkunsidrat;

L-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu wkoll għall-addebitu tar-reċidiva: għajr għall-fedina penali tal-imputata, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi in atti prova suffiċjenti ta' dan l-addebitu. Kif ġie diversi drabi ritenut mill-Qrati tagħna in materja tal-addebitu tar-reċidiva, il-fedina penali waħedha mhux biżżejjed u ma tikkostitwixxix l-aħjar prova li l-Prosekuzzjoni hi, wara kollox, marbuta li tressaq in sostenn tal-akkuża tar-reċidiva. L-aħjar prova, kif diġa' ngħad, tikkonsisti f'kopji debitament awtentikati ta' sentenzi li fuqhom tinsab imsejsa dan l-addebitu iżda fil-każ in diżamina, hija nieqsa l-prova li qatt kien hemm xi ġudizzju preċedenti li kkundanna lill-imputat għall-kommissjoni ta' reat kriminali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Għaldaqstant, l-imputata ma tistax tinstab ħatja li hija reċidiva għall-fini tal-Artikoli tal-liġi ċitati mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Id-Disa' Imputazzjoni</u>**

L-imputata hawnhekk ġiet akkużata bir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 355AL(3) tal-Kap. 9 ċioe' li naqset milli tħares waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqha għall-fini tal-ħelsien mill-kustodja taħt garanzija mogħtija lilha fit-12 ta' Marzu 2021. It-termini ta' dan ir-rilaxx mill-kustodja jinsabu elenkati fid-dokument

immarkat Dok. AA6[28] li huwa ffirmat mill-Uffiċjal tal-Kustodja PS 1543 u mill-imputata nnifisha fejn, fost il-kundizzjonijiet imposti fuqha insibu li l-imputata kellha "*tirrapporta fl-uffiċċju tal-Ispettur A Agius nhar is-Sibt 13 ta' Marzu 2021 fil-13:00 hrs ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara.*" L-Ispettur Andrew Agius xehed[29] illi l-imputata naqset milli tattendi l-Għassa ta' Birkirkara fil-ħin u d-dati stipolati fid-dokument kontenenti l-kundizzjonijiet tar-rilaxx mill-kustodja (Dok. AA6), fatt li ġie affermat mill-imputata nnifisha waqt l-interrogazzjoni fejn, mistoqsija tispjega r-raġuni għal dan in-nuqqas, stqarret "*Iva. L-ewwel kont ġejja. Ċempiltlek umbad u biddilt fehmti u ma ġejtx. Għax għidt li jekk immur sa jitfani l-ħabs u ma ridtx nixtri t-tarbija l-ħabs.*"[30]

In vista ta' din l-ammissjoni fl-istqarrija – stqarrija li l-volontarjeta' tagħha ma ġietx kontestata bl-ebda mod mid-difiża – il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputata ħatja tar-reat taħt l-Artikolu 355AL(3) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena jirriżulta mill-fedina penali tal-imputata li hija veterana tal-kriminalita' sa minn eta' pjuttost żgħira u l-istorja kriminali tagħha hi voluminuża. Jirriżulta wkoll illi l-imputata għandha problema akuta ta' dipendenza fuq id-droga u teħtieġ għajnuna immedjata. Kemm hu hekk, hija stqarret[31] illi dak li għamlet għamlitu minħabba droga u minħabba li m'għandhiex saqaf fuq rasha. Stqarret ukoll li jiddispjaċiha għal dak li għamlet.

Għall-Qorti, il-vizzju tad-droga ma tista' qatt tiġġustifika l-kommissjoni tar-reati li jitwettqu biex jiġi sostnut dan il-vizzju, jew jitqies bħala xi skuża jew fattur attenwanti: għall-kuntrarju, il-vizzju tad-droga bħala fattur motivanti fil-kommissjoni ta' reati kriminali jfisser biss illi l-Qorti għandha tqis li tuża l-poteri diskrezzjonali u l-

[28] Folio 43.
[29] 14 ta' Frar 2022.
[30] Stqarrija Dolk. AA9, iffirmata mill-imputata.
[31] Ara stqarrija tal-imputata Dok. AA9, fol. 46 *et seq*.

għodda legali li għandha a dispożizzjoni tagħha, biex tassigura li l-awtur tar-reati jingħata l-għajnuna kollha li jeħtieġ biex jegħleb dan il-vizzju ikrah u distruttiv mhux biss tal-ħajja tal-aġent innifsu, iżda wkoll tas-serenita' tal-familja tiegħu, tal-vittmi tar-reat u tas-soċjeta' in ġenerali. Tirrikonoxxi illi f'dan il-każ l-imputata wriet rimors għar-reati li wettqet u tixtieq tingħata din l-għajnuna u għalhekk hija serja tieħu dan kollu in konsiderazzjoni meta teroga l-piena.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx lill-imputata ħatja tar-reati addebitati fit-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u t-tmien imputazzjonijiet u lanqas ma ssibha ħatja tal-addebitu tar-reċidiva u tilliberaha, wara li rat l-Artikoli 11(3), 14(1), 17, 31, 95, 96, 221(3)(b)[32], 261(ċ), 267, 279(a) u 355AL(3)(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil SARAH ZAMMIT ħatja tal-ewwel, is-sitt, is-seba' u d-disa' imputazzjonijiet u tikkundannah għaxar (10) xhur priġunerija effettiva u multa komplessiva ta' erbat elef u erba' mitt Euro (€4,400) pagabbli sa mhux iktar tard minn żmien tnax (12)-il xahar u fin-nuqqas, il-multa tiġi konvertita fi tliet (3) xhur priġunerija.**

**Għall-finijiet tal-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna li kull żmien qabel illum li l-hatja tkun inżammet fil-ħabs għar-reati li tagħhom qiegħda tinstab hatja u kkundannata permezz ta' din is-sentenza, jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija taħt u ghall-fini ta' din il-kundanna tal-lum.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed ukoll lil SARAH ZAMMIT taħt Ordni ta' Trattament ghal zmien tliet (3) snin mil-lum sabiex tegħleb il-vizzju tad-droga u dan skont it-termini u kundizzjonijiet u ghall-finijiet specifikati fl-Ordni moghtija kontestwalment, liema Ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza u l-Ordni ta' Trattament jiġu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole kif ukoll lill-Kap Eżekuttiv tal-**

[32] Iż-żieda fil-piena skont l-Artikolu 222(1)(ċ) tal-Kap. 9 ma tapplikax għal reati taħt l-Artikolu 221(3) tal-Kap. 9.

**Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi għall-fini tal-implementazzjoni tal-istess Ordni waqt li l-hatja tkun qed tiskonta l-piena ta' prigunerija.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil SARAH ZAMMIT tħallas lis-soċjeta' Darmanin Footwear Limited is-somma ta' mija u tmintax-il Euro (€118) ċioe' nofs il-valur tal-oġġetti misruqa in linea ta' kumpens għat-telf soffert b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat ta' serq li qed tinstab ħatja tiegħu, liema ammont għandu jitħallas fi żmien sitt (6) xhur mid-data meta tkun ġiet skontata l-piena ta' priġunerija. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Billi ma jirriżultax li gew maħtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**